

10.1.2019

A8-0406/31

Emenda 31

Rebecca Harms

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Rapport

A8-0406/2018

Miapetra Kumpula-Natri

Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għall-perjodu 2021-2025

(COM(2018)0437 – C8-0380/2018 – 2018/0226(NLE))

Proposta għal regolament

Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5a) Aċċidenti nukleari serji jistgħu jipperikolaw is-saħħa tal-bniedem. Għalhekk, is-sikurezza nukleari u, fejn xieraq, l-aspetti tas-sigurtà ttrattati miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (il-"JRC") jenħtieġ li jingħataw l-ikbar attenzjoni possibbli fil-Programm.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ma għandniex nittraskuraw il-konsegwenzi drammatiċi tal-aċċidenti nukleari tal-passat. L-emenda ġejja mill-premessa 6 tar-Regolament tal-Kunsill (Euratom) 2018/1563 tal-15 ta' Ottubru 2018 dwar il-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (2019–2020) li jikkomplementa l-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni Orizzont 2020, u li jħassar ir-Regolament (Euratom) Nru 1314/2013 (L262).

Emenda 32

Rebecca Harms

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Rapport

A8-0406/2018

Miapetra Kumpula-Natri

Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għall-perjodu 2021-2025

(COM(2018)0437 – C8-0380/2018 – 2018/0226(NLE))

Proposta għal regolament

Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6) *Ir-riċerka dwar l-enerġija mill-fużjoni qed tiġi implimentata b'konformità mal-Pjan Direzzjonali Ewropew għall-Fużjoni, li jispjega r-riċerka u l-iżviluppi meħtieġa għall-forniment tal-bażi għal impjant tal-enerġija mill-fużjoni li jiġġenera l-elettriku. Matul il-perjodu ta' żmien qasir għal medju, il-pass ewlieni huwa l-kostruzzjoni u l-isfruttament ta' ITER u programm vigoruż tar-riċerka dwar il-fużjoni għandu jikkumplimenta l-attivitajiet Ewropej dwar ITER sabiex jappoġġa l-operazzjonijiet ITER tal-futur u t-tħejjija għal DEMO.*

(6) *Il-kostruzzjoni u l-isfruttament ta' ITER mhumiex koperti minn dan il-Programm.*

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-ITER jaqa' taħt bażi ġuridika differenti minn din il-Programm Euratom. Għaldaqstant huwa importanti li jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda konfużjoni bejn iż-żewġ programmi tar-R&Ż.

10.1.2019

A8-0406/33

Emenda 33

Rebecca Harms

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Rapport

A8-0406/2018

Miapetra Kumpula-Natri

Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għall-perjodu 2021-2025

(COM(2018)0437 – C8-0380/2018 – 2018/0226(NLE))

Proposta għal regolament

Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(12a) L-attivitajiet żviluppanti fl-ambitu tal-Programm jenħtieġ li jimmiraw li jippromwovu l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fir-riċerka u l-innovazzjoni, billi jindirizzaw b'mod partikolari l-kawżi sottostanti fl-iżbilanċ tas-sessi, billi jisfruttaw il-potenzjal kollu kemm tar-riċerkaturi nisa kif ukoll tal-irġiel u billi jintegraw id-dimensjoni tas-sessi fil-kontenut tal-proġetti sabiex itejbu l-kwalità tar-riċerka u jstimulaw l-innovazzjoni. L-attivitajiet jenħtieġ li jkunu mmirati wkoll lejn l-implimentazzjoni tal-prinċipji relatati mal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel stipulati fl-Artikoli 2 u 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropa u l-Artikolu 8 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

Or. en

Ġustifikazzjoni

*Il-Programm għandu jiżgura l-promozzjoni effettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi u d-dimensjoni tas-sessi fil-kontenut tar-riċerka u l-innovazzjoni;
L-emenda ġejja mir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) 2018/1563 tal-15 ta' Ottubru 2018 dwar il-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (2019–2020) li jikkomplementa l-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni Orizzont 2020, u li jħassar ir-Regolament (Euratom) Nru 1314/2013 (L262).*

AM\1173531MT.docx

PE631.623v01-00

10.1.2019

A8-0406/34

Emenda 34

Rebecca Harms

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Rapport

A8-0406/2018

Miapetra Kumpula-Natri

Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għall-perjodu 2021-2025

(COM(2018)0437 – C8-0380/2018 – 2018/0226(NLE))

Proposta għal regolament

Artikolu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 8a

L-ugwaljanza bejn is-sessi

Il-Programm għandu jiżgura l-promozzjoni effettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi u d-dimensjoni tas-sessi fil-kontenut tar-riċerka u l-innovazzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda ġejja mir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) 2018/1563 tal-15 ta' Ottubru 2018 dwar il-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (2019–2020) li jikkomplementa l-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni Orizzont 2020, u li jħassar ir-Regolament (Euratom) Nru 1314/2013 (L262).

10.1.2019

A8-0406/35

Emenda 35

Rebecca Harms

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Rapport

Miapetra Kumpula-Natri

Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għall-perjodu 2021-2025

(COM(2018)0437 – C8-0380/2018 – 2018/0226(NLE))

A8-0406/2018

Proposta għal regolament

Artikolu 8b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 8b

Prinċipji etiċi

1. L-attivitajiet kollha ta' riċerka u innovazzjoni mwettqa fl-ambitu tal-Programm għandhom jikkonformaw mal-prinċipji etiċi u mal-liġi nazzjonali, tal-Unjoni u internazzjonali rilevanti, inklużi l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u l-Protokolli Supplimentari tagħha.

Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-prinċipju tal-proporzjonalità, id-dritt għall-privatezza, id-dritt għall-protezzjoni tad-data personali, id-dritt għall-integrità fiżika u mentali ta' persuna, id-dritt għan-nondiskriminazzjoni u l-ħtieġa li jiġu żgurati livelli għoljin ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem.

2. L-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni mwettqa fl-ambitu tal-Programm għandhom ikunu ffokati esklussivament fuq applikazzjonijiet ċivili.

Or. en

AM\1173531MT.docx

PE631.623v01-00

Ġustifikazzjoni

L-emenda ġejja mir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) 2018/1563 tal-15 ta' Ottubru 2018 dwar il-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (2019–2020) li jikkomplementa l-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni Orizzont 2020, u li jħassar ir-Regolament (Euratom) Nru 1314/2013 (L262).